**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 22 ta' Settembru 2016**

Rikors Guramentat Nru. 31 / 14RGM

Kawza fil-lista: 12

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewgu, lil xulxin nhar il-disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija u disghin (1990) skont ic-certifikat taz-zwieg, u li minn tali zwieg twieled tifel ossia Charlon, nhar it-8 ta' Awwissu 1991 illi llum hu maggorenni;

2. Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet m'ghadhiex aktar possibli minhabba li l-intimat irrenda ruhu hati lejn l-attrici b'sevigi, theddid u ingurja, kif ukoll minhabba inkompatibilita' ta' karattru;

3. Illi ghalhekk iz-zwieg imsemmi tkisser irrimedjabilment;

4. Illi r-rikorrenti talbet titinbeda medjazzjoni liema procedura ma kellhiex success, u l-istess rikorrenti giet debitament awtorizzata mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Famlija) sabiex tipprocedi f'dina l-istanza kontra l-intimat ghas-

separazzjoni personali, permezz ta' digriet moghti nhar l-14 ta' JAr 2014 (Ittra Numru 1166/13);

5. Illi r-rikorrenti taf bil-fatti hawn fuq iddikjarati personalment.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjugi u dana minhabba swat, theddid, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji li l-konvenrt ikkommetta kontra martu l-attrici, u minhabba inkompatibilita' ta' karattru.

2. TikkundA lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti r-retta alimentarja dovuta skont il-ligi b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, kif ukoll mehuda in konsiderazzjoni l-gholi tal-hajja.

3. Tiffissa retta alimentarja adegwata ghall-esponenti.

4. Tordna lill-intimat sabiex ihallas l-arretrati kollha ta' manteniment dovuti sallum u li jistghu jigu dovuti sad-data tas-sentenza finali.

5. Tapplika in toto jew in parte l-effetti tad-disposizzjonijiet fir-rigward tal-intimati kif ukoll id-dekadenza mill-jeddijiet ai termini tal-Artkoli 48 sa 53 tal-Kap. 16 tal-Ligiiiet ta' Malta.

6. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess u tassenja lill-partijiet l-istess akkwisti.

7. Tassenja lir-rikorrenti l-fond matrimonjali Blokk 2, House 4, Trejqet Antoine de Favray, Pembroke u tordna l-izgumbrament tal-intimat mill-insemmi fond.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

a. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

b. Illi dawn il-proceduri gew istitwiti minn naha tar-rikorrenti purament ghas-skopijiet ulterjuri taghha, fejn l-istess rikorrenti ma qaditx thabbel rasha tkisser iz-zwieg taghha, liema agir jimmerita mhux biss canfira, imma ghandha tirrispondi ghall-agir xejn accettabbli minn naha taghha. Illi fid-dawl tas-suespost, ghandu jigi osservat ir-rikors promotorju bhala wiehed ferm xott u

nieqes minn talbiet ragunati bla bazi, fejn l-uniku interess taghha jirrizulta mit-talbiet liema talbiet juru xejn hlief attitudini utilitarja.

c. Illi konsegwenza tal-agir tar-rikorrenti, hi stess rendiet il-hajja taz-zwieg '.....mhux aktar possibbli....' b'hafna skuzi w nofs veritajiet liema aspetti ser jigu indikati ahjar fil-mori tal-kaz.

d. Illi di piu, u minghajr pregudizzju, filwaqt li l-istess rikorrenti ghandha vizzji koroh, partikolarment tax-xorb, li tghix mhux skont il-friex imma partikolarment iddikjarat li trid il-liberta assoluta, illi dawn il-vizzji/attitudni qed jigu sostnuti b' xoghol li l-istess rikorrenta qed taghmel baxx baxx, u dan kif ser jigi ippruvat fil-mori tal-kaz.

e. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-istess rikorrenti ddikjarat kemm-il darba li ser taghmel minn kollox biex '... tehles....' mill-esponent biex tkun libera. Illi bhala aggunt u konferma ta' din il-pozizjoni minn naha ta' l-istess rikorrenti, fit-3 ta' Awwissu, 2014, abbandunat ghal kollox id-dar matrimonjali u marret tghix x'imkien iehor.

f. Illi di piu ghal hafna snin, ir-rikorrenti naqset sew fid-doveri taghha taz-zwieg lejn l-esponenti, liema haga tikxef il-fatt li n-nuqqasijiet ilhom jippersistu ghal snin, kapricc tar-rikorrenti liema agir r-rikorrenti ghandha tirrispondi w dan ai finijiet u effetti kollha tal-ligi.

g. Salv risposta ulterjuri.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li taqra kif gej:-

Peress illi l-partijiet kienu izzewgu fid-29 ta' Settembru, 1990 fejn minn dan iz-zwieg kien twieled tifel li jismu Charlon li illum hu maggorenni.

Peress li l-attrici rrendiet ruhha hatja ta' tortijiet serji liema tortijiet jinkludu adulterju, minacci, mohqrija, ngurji gravi, eccessi, theddid u swat kif ukoll abbandun tad-dar matrimonjali tant li z-zwieg bejn il-partijiet sar impossibbli.

Peress illi fost l-eccessi u tortijiet tal-attrici, hi thobb tixrob, tghix hajja xellerata, ma tghix skont il-friex w qed tishaq fuq il-‘liberta’, z-zwieg bejn il-partijiet sar impossibbli.

Peress illi grazzi ghas-suespost, liema aspetti m'ghandhomx jigu kunsidrati ezawrjenti, l-attrici qed tippersegwita kontinwament l-esponent fejn anki irnexxielha s'issa timmanipula it-tifel taghhom kontra l-esponent fejn grazzi ghall-attitudini kapriccjuza taghha rnexxielha tohloq stragi b'hajja intollerabbli.

Peress li di piu, konsegwenza ghall-attitudini tal-attrici, hi anki abbandunat id-dar matrimonjali liema nuqqas serju minn naha taghha jkompli jikkonsolida n-nuqqas ta' serjeta minn naha taghha u li dina l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba tikkonsidera fid-dawl generali tal-kaz.

Tghid, ghalhekk, l-attrici rikonvenzjonata ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara l-firda personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli tal-intimata rikorrenti.

2. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.

3. Tillikwida l-istess komunjoni ta' l-akkwisti f'zewg partijiet mhux necessarjament ugwali b'tali mod li l-intimata titlef ukoll bhala konsegwenza kull jedd li ghandha fuq in-nofs l-akkwisti li saru waqt iz-zwieg imma partikolarment bil-hidma tal-esponent.

4. Tapplika fis-shih kontra r-rikorrenti l-effetti ta' l-artikolu 48 et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Tiddikjara w tordna b'mod definittiv li t-titolu ta' kera tad-dar matrimonjali jigi assenjat lill-esponent ad eskluzzjoni tal-attrici rikorrenti.

6. Tordna r-rikorrenti thallas l-ispejjez li saru fir-rigward tad-dar matrimonjali - mill-inqas nofs - u spejjez ohra relatati mal-komunjoni tal-akkwisti specjalment minn meta bdew il-proceduri anku mill-bidu u cioe mill-medjazzjoni.

7. Illi stante li r-rikorrenti hi kapaci tahdem, tordna li thallas manteniment lill-esponent u tikkundA wkoll thallas dak il-manteniment li dina l-Onorabbli Qorti taghzel li takkorda f'dan ir-rigward.

8. TikkundA r-rikorrenta tikkonsenja lill-esponent il-beni kollha parafernali ta' l-esponent u separatament l-esponent jigi moghti l-piena amministrazzjoni tal-beni tieghu illi fin-nuqqas tikkundannha thallas somma li tigi likwidata rapprezentanti l-istess propjeta` parafernali.

9. Tiddikjara li l-propjeta kollha, partikolarment, imma mhux esklussivament id-dar matrimonjali tigi assenjata u b'hekk okkupata mill-esponent ad eskluzzjoni tar-rikorrenti iktar u iktar minhabba tortijiet imputabbli lir-rikorrenti.

10. Tawtorizza lill-esponent jirregistra l-eventwalita` sentenza definittiva fir-registru pubbliku.

11. Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata rikorrenta li minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tal-attrici mahluf fit-22 ta’ April 2014;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-8 ta’ Mejju 2014 fejn il-Qorti nnominat l-Avukat Dottor Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda ta’ Charlon B, bin il-partijiet, u ta’ Simone Cassar, neputija tal-attrici, li xehdu fis-seduta tas-6 ta’ Lulju 2014, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju; u l-kontroezami tieghu li sar fis-seduta tat-23 ta’Marzu 2015;

Rat il-kontroezami tal-attrici li sar fis-seduta tal-20 ta’ JAr 2015, f’tad-9 ta’ Frar 2015, u f’tal-4 ta’ Marzu 2015 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda ta’ Simone Spiteri, n-neputija tal-attrici, li xehdet fis-seduta tal-20 ta’ April 2015 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat l-affidavit tal-konvenut anness ma’ nota pprezentata fit-22 ta’ Mejju 2015, x-xhieda tieghu moghtija fis-seduta tat-12 ta’ Mejju 2015 u l-kontroezami tieghu li sar fis-seduta tal-1 ta’ Lulju 2015 u tad-9 ta’ Lulju 2015, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda tal-partijiet li xehdu quddiem il-Qorti fis-seduta tas-6 ta’ Ottubru 2015;

Rat ix-xhieda ta’ Roderick Micallef, neputi tal-konvenut, li xehed fis-seduta tat-8 ta’ Ottubru 2015 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat l-affidavit ta’ Carmela B, omm il-konvenut, anness ma’ nota pprezentata fl-1 ta’ Dicembru 2015; u l-kontroezami taghha li sar fis-seduta tas-26 ta’ JAr 2016, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attrici pprezentata fl-1 ta’ April 2016;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet responsiva tal-konvenut ipprezentata fit-3 ta’ Mejju 2016;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-1 ta’ Gunju 2016, meta l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**IL-PROVI.**

**L-attrici A B**, fl-affidavit taghha, anness ma' nota pprezentata fit-23 ta' April 2014, Fol 13 kkomfermat li huma zzewgu fid-29 ta' Settembru 1990 u kellhom tifel, Charlon, li twieled fit-8 ta' Awwissu 1991.

Meta kienu gharajjes tilfet l-impieg taghha u ma rieditx tizzewweg izda l-konvenut baqa' jinsisti li jizzewgu. Ftit qabel li zzewgu miet missier r-ragel, li waqa' f'depression u tilef l-impieg. Hi ghalhekk insistiet li ma jizzewgux, pero' r-ragel deherlu li kellhom flus bizzejjed u ried li jizzewgu.

Wara li zzewgu hi sabet xoghol ghar-ragel ma' fabbrika tas-sapun, peress li hu ma kienx iffittex impieg, u dam jahdem hemm bejn erba' u hames snin. Wara beda jilmenta minn allergija, tabib qallu li kellu l-astma u t-tabib tal-familja qallu kellu *hay fever*. Telaq mix-xoghol u qatt ma rega sab impieg iehor. Hu ma jfittix ghax-xoghol, xi kull tant jibghatu ghalih tal-ETC, jmur ghall-interview izda qatt ma rnexxhielu issib impieg. Xi sena qabel baghtu ghalih tal-Arriva izda wehel fit-test ghax tela' fuq il-bankina.

It-tifel ghalhekk trabba imcahhad minn hafna affarjiet. Kienu jghixu bic-Children's Allowance, meta din spiccat it-tifel ma baqghetx tibghatu ghall-privat. Billi ma kellhomx flus iddecidew li ma jkollhomx aktar tfal, u hi bdiet tiehu il-pill pero' meta l-anqas baqa' jhallsilha 's-smear test' qalet li-ragel li ma kinitx ser ikollha aktar rapporti sesswali mieghu. Hu hadha bi kbira pero' hi tinsisti li z-zwieg mhux biss gratifikazzjoni fizika izda fiz-zwieg wiehed ghandu jassumi r-responsabiltajiet tal-hajja konjugali.

Id-dar spiccat fi stat ta' abbandun, kull haga li tigrilha il-hsara tibqa' ma tissewwiex. L-ebda vit ma jahdem, l-kcina hi bla madum, r-ragel xtara incirata biex jghatiha, izda din biz-zmien iccartet. Ilha bla 'washing machine' ghoxrin sena, billi ma issewwitx wara li kellha l-hsara. Ilha 20 sena tahsel il-hwejjeg b'idejha.

Ir-ragel jghix bir-'relief' li mhux bizzejjed biex jghixu. Gieli ma jkollhomx flus ghall-ikel u r-ragel jissellef minn ghand ommu jew it-tifel biex jixtru x'jieklu.

Qabel ma bdiet tircevi l-assistenza socjali f'isimha, r-ragel kien jaghtiha Euro 85 fil-gimgha, pero' dawn ma kienux bizzejjed biex issajjar ghalih u ghat-tifel, kienet ghalhekk tiddejjen ma' tal-hanut. Meta tmur il-Belt kien jaghtiha Euro 3 jew 5, ma kienx jaghtiha flus biex tizboh xagharha.

Il-hajja familjari ghalhekk saret intollerabbli. Darba wara li rrifjutat li tkun intima mieghu heddidha li jkecciha ‘l barra bi hwejgha. Gheddidha li jifqalha wiccha u jkissrilha sninha b’tali mod li l-anqas tal-familja ma jgharfuha.

Peress li kienet tmur il-Belt mat-tifla ta’ ohtha, xi darba jew darbtejn fil-gimgha, beda jaghmel certi allegazzjonijiet u beda jsegwiha. Lilha ma sabhiex pero’ darba sab lit-tifla ta’ ohtha u ghajjarha ‘xkora’.

Wara ddecidiet li tibda il-proceduri ta’ separazzjoni u minn dakinhar il-konvivenza kompliet tiddetterjora, dejjem jikkritikha, jghajjarha u jgheddidha. Sikwiet jispiccaw l-Ghassa tal-Pulizija. Jghedded li ser ikecci lit-tifel, biex b’hekk tohrog hi ukoll.

Skont l-attrici l-konvenut jqatta’ l-gurnata jilghab bit-tlett mobile phones li ghandu, mat-tablet u jara t-television. Facendi d-dar ma jaghmilx, jahsel biss il-platt, il-pozati u l-borma li jhammeg hu. Il-hin kollu jcempel lill-ommu, l-attrici tghid li zewgha dejjem baqa’ taht il-kontroll ta’ ommu, u din kienet wahda mir-ragunijiet ghalhiex iz-zwieg falla.

Meta xehdet fis-seduta tat-28 ta’ Ottubru 2014, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, l-attrici cahdet l-allegazzjoni tal-konvenut, li hi tixrob. Hi ddikjarat, li tiehu biss naqra inbid mal-ikel fil-ghaxija. Iddikjarat pero’, li hu beda johrog fid-9 pm u jidhol fit-3am jew l-4am. Iccempel lill-ommu u jiftahar kemm xorob Pernot. Tghid li ommu kienet komplici mieghu meta johrog filghaxijiet u jigdeb. Kien jghid li jkun ghand ommu biex jindukraha u wara jirrizultalha li jkun baqa’ barra sa tard  jixrob.

Hi cahdet li tahdem baxx baxx. Hi kienet toqghod fil-kamra mat-tifel meta hu kien jaghmel xi lejl barra jixrob, biex tevita l-inkwiet, billi meta jirritorna d-dar kien jkun aggressiv u dejjem jinfexx fihom jekk jarahom. Hi ddikjarat li kellha tohrog mid-dar billi ir-ragel kien jhebb ghat-tifel kontinwament. Talbet l-ghajnuna tal-Pulizija, u lis-Spettur stess rrakkomandalha li tipprocedi billi ma kienx possibbli li jghixu taht l-istess saqaf. Kemm hu kif ukoll ommu kienu jsegwuha meta tkun il-Belt anke meta kellha seduta il-Qorti. In kontro ezami fis-seduta tal-20 ta’ JAr 2015 ikkonfermat li telqghet mid-dar matrimonjali fl-24 ta’ Awwissu 2014, fil-mori tal-kawza, billi ma setghatx tissaporti izjed tghix f’dawk il-kondizzjonijiet, f’atmosfera ta’ dar abbandonata u glied kontinwu mar-ragel kemm maghha kif ukoll ma’ binha.

Hi tircevi Euro 265 kull erba’ gimghat bhala Assistenza Socjali, tghix ma’ binha f’appartament mikri. Il-kera hi ta’ Euro 300 u tithallas mit-tifel. Hi tippretendi li tinghata d-dritt li tokkupa hi d-dar konjugali u kkonfermat li zewgha heddidha li jekk jigri hekk jahraqhom hemm gew it-tnejn li huma. Dwar dan ghamlet rapport.

Fis-seduta tad-9 ta' Frar 2015, Fol 44, l-attrici kkonfermat li meta kienu mizzewgin hi riedet issib tahdem izda hu ma hallihiex, ghax ' hu kien jibza' li lilu jwaqqfulu r-relief.

**Charlon B**, bin il-partijiet, xehed fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2014 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol 20. Hu ddikjara li ghandu 22 sena u li dak iz-zmien kien jghix f'Pembroke mal-genituri tieghu, u l-atmosfera id-dar mhiex wahda sabiha, u ilha hekk sena shiha minn mindu bdew il-proceduri ta' separazzjoni. Fid-dar hemm hafna glied u storbju. Missieru jahbat kemm ghall-ommu kif ukoll ghalih.

Hafna drabi kienu jiggieldu dwar il-fatt li ommu kienet tmur il-Belt mal-kugina tieghu ghall-harga zghira. It-tilwim inizzjali kien jeskala ghal hafna theddid u ghajjat. Missieru kien jhedded lill-ommu li jhassrilha wiccha u jkissirlha sninha meta tohrog. Lilu kien jixtieqlu il-hsara, bhal li jidhol fil-hajt bil-karozza. Ma kienx hemm kuntatt bejnu u missieru. Xi tlett darbiet jew erba' darbiet fil-gimgha, missieru kien jkisser xi fajjenza f'xi xenata, u darba minnhom kellhom jgibu lill-Pulizija.

Hu kkonferma li missieru ma jahdimx, kemm ilu haj hu 22 sena missieru qatt ma hadem. Missieru jiehu ir-'relief', qabel kienu jircevu ic-Children's Allowance. Iqatta' granet shah id-dar bil-mobile u t-tablet. Fil-ghaxija jara il-cable television li dahhal ghall-uzu tieghu personali. Id-dar tinsab fi stat ta' abbandun, is-siggijiet tal-injam fil-kcina gew sostitwiti b'siggijiet tal-plastic, madum fid-dar baqa' ma sarx, l-ebda vit ma jahdem fil-kamra tal-banju u jekk saret xi tibjida din saret snin ilu. Kemm missieru, kif ukoll ommu marru skola sas-sekondarja. Missieru mir-relief kien jaghti lill-ommu Euro 85 fil-gimgha ghall-hajja, li ma kienux jiservuha tant li fl-ahhar tal-gimgha kien ikollha tiddejjen.

Hu mar skola sal-Junior College, MCAST u ilu li waqaf xi erba' snin. Hu jahdem u jghaddi Euro 40 fix-xahar lill-ommu, u billi meta beda jahdem lill-missieru naqqsulu Euro 80, hu jhallas dan l-ammont lill-missieru. Hu jahdem bhala sales executive ma' Melita Company u kkonferma li min mindu bdiet s-separazzjoni missieru ma baqghax jaghti flus lill-ommu. Ilu ma jaghtiha flus xi sitt xhur . Ommu baqghet tipprepara l-ikel pero' kulhadd jiekol ghar-rasu. Missieru jixtri l-ikel li jikkonsma hu stess. Ikkonferma li missieru u ommu ma ghadhomx jorqdu flimkien.

Meta xehed in kontroezami fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2015, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol 59 hu kkonferma li mill-post kien hareg mhux ghax qaltlu ommu izda minhabba l-atteggjament aggressiv ta' missieru kemm mieghu kif ukoll u aktar ma' ommu. Ikkonferma l-incident tal-Internet, li hu kien ha xi

zball zghir kif jahdem dan is-servizz, u ma minn tkellem missieru qallu li hu kien dahaq bih.

**Simone Cassar**, in-neputija tal-attrici, it-tifla ta' ohtha, xehdet fl-istess seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol 22. Hi mizzewga u ghandha 42 sena. Hi taf bit-tilwim bejn il-kontendenti, billi l-attrici stess kienet tghidilha. Ir-ragel ma kienx jhalliha tohrog u kien jghidilha li jekk tohrog mid-dar kien jmur iffittixha u ' jifqalha wiccha'. Meta kienet iccempillha kienet tisma' it-tgergir tieghu b'diskors bhal " din m'ghandhiex x'taghmel dejjem iccempel?" Hi kienet tghidilha biex ma taghthiex kasu. Darba kienu il-Belt flimkien u beda jcempillha fuq il-mobile. Meta kienu gejjin lura hadu buses differenti, u meta kienet wahedha ltaqghet mal-konvenut u ommu u malli ra' beda jghajjarha fis-sens li kienet hi li sfratatlu il-mara. Qalilha li ma ridhiex maghha u biex ma ccemplilhiex aktar, u biex issibilha avukat tajjeb biex jehles minnha.

Marret l-Ghassa tar-Rabat u ghamlet rapport biex ma jkellimhiex billi hi qatt ma' ghamlitlu xejn. Kien hemm okkazjoni ohra meta kienu il-Belt flimkien u l-konvenut kien ma' ommu u jghajjat maghha li kien it-tort taghha li sfrattathom. Ommu kienet mieghu anke meta kellhom il-medjazzjoni.

Kellmet lis-Spettur tal-Belt li kien assikurha li kellha kull dritt li ccempel liz-zija taghha " ghax hemm hekk hwejjigha daqs kemm hu hwejgu".

Meta xehdet in kontro ezami, fis-seduta tal-20 ta' April 2015, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, ikkonfermat l-incident meta l-konvenut li kien ma' ommu beda jghajjarha hdejn il-karozzi tal-linja u jakkuzaha li kollox inqala' minhabba fiha. Fl-istess seduta pprezentat il-kuntratt ta' separazzjoni personali taghha, kuntratt pubblikat minn Nutar Dottor Francesca Portelli fis-16 ta' Settembru 2014, u ikkonfermat li dak iz-zmien li kienet tohrog maz-zija taghha il-Belt, ma kinitx ghadejja minn proceduri ta' separazzjoni.

Il-**konvenut C B**, fl-affidavit tieghu, anness ma' nota pprezentata fit-22 ta' Mejju 2015, Fol 81 kkonferma li zzewgu fid-29 ta' Settembru 1990 u kellhom tifel jismu Charlon li twieled fil-21 ta' Awwissu 1991. Hu jghid li ltaqa' l-ewwel darba mal-attrici ghand ohtu, Maria Dolores Micallef, hi kienet interessata fih ghalkemm hu ghal-ewwel ma ndunax; izda ommu kienet qaltlu li mill-komportament tal-attrici ndunat li kellha interess fih. Huwha, John Formosa, ukoll kien ssemmiha meta kien jiltaqa' mieghu, u meta l-attrici kienet mistiedna ghand ohtu, ltaqghu, tkellmu u wara tlett tijiem hi dahhlitu d-dar ta' ommha fejn hadu grokk flimkien. Dak iz-zmien kellu karozza Lada, u bdew johorgu flimkien, kien anke jmur ghaliha ix-xoghol, hi kienet tahdem ma' Lloyds Shoes San Gwann. Tgharsu fit-12 ta' Awwissu 1989 u zzewgu fid-29 ta' Settembru 1990.

Marru jghixu ghand ommu fi flat tal-Gvern f'San Gwann. Kellhom spazju sufficjenti billi ommu romlot fis-16 ta' Frar 1990, u billi huma zzewgu f'Settembru tal-istess sena, iddecidew li jmorru maghha. Martu, l-attrici kienet kuntenta billi hi minn San Gwann u ohtha, Josephine Cesare, toqghod fil-block biswit.

L-ewwel snin taz-zwieg kienu normali, u l-attrici nqabdet tqila xahrejn wara z-zwieg. Hu jghid li kien kuntent pero' jghid li kien ha l-impressjoni li martu ma xtaqitx tinqabad tqila u kien propju ghalhekk li kienet tixrob. Hu ghalhekk iddecieda li l-ammont sostanzjali ta' xorb li kien fadlilhom id-dar wara t-tieg, jbieghu u fil-fatt x-xorb nxtara minn ohtha u zewgha, Saviour u Josephine Cesare. Hu jghid li waqt t-tqala wafqet kompletament izda wara regghet bdiet tixrob kif kienet qabel. Hu jghid li jixrob biss socjalment, qatt ma mar id-dar fis-sakra u li hi tiflah ix-xorb hafna aktar minnu. Jghid li darba t-tifel taha xi flus biex tixtrilu zarbun minn ghand l-Amerikan, minn flokk xtratt flixkun Marsala u xorbot tlett kwarti minnu.

Hu jghid li hi influenzat lit-tifel fil-vizzju tax-xorb li kemm il-darba rritorna d-dar fis-sakra. Darba kien mar ghalih f'Paceville billi kien fis-sakra, hu kien jirrimproverah mentri ommu ma kienet tghidlu xejn, ghalhekk it-tifel kien jippreferixxi l-kumpanija taghha milli tieghu. Qabel ma zzewgu hu kien impjegat ma' SVS Co. Ltd. fabbrika tal-laundry detergents. Baqa' jahdem f'din il-fabbrika anke wara li zzewgu, b'kollox dam jahdem hemm xi hames snin. Qabel kien jahdem go barriera ma' Kalaxlokk Construction Co. Ltd. ghal tmien snin bejn 1982 u 1990.

Hu jghid li t-tabib kien qallu li l-ambjent tax-xoghol ma' SVS Co. Ltd ma kienx tajjeb ghal sahhtu u billi kellu t-theddida tal-asthma kellu jitlaq. Baqa' jbaghti l-konsekwenzi tal-mard, ma rrnexxhielux isib impieg iehor u hu registrat bhala 'disabled' kemm mal-ETC kif ukoll mad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali. Il-fatt li missieru miet f'idejh ftit xhur qabel izzewweg ukoll kellu certi konsekwenzi fuq sahhtu. Billi baqa' bla impieg id-dhul tieghu kien dak li jircevi mid-Dipartiment; dawn kienu; Assistenza Socjali, Assistenza tal-Mard, Children's Allowance u l-Bonus meta jkun dovut.

Jakkuza lill-mara li kienet ghazziena u li ma ikkontribwit xejn finanzjarjament. Jammetti li din is-sitwazzjoni ikkondizzjonathom fil-hajja mizzewga taghhom. Jghid li nghata ghajnuna mill-Community Chest Fund, il-mara pero' ma kinitx kuntenta ghax ma riditx tidher bhala tallabha. Jghid li dwar it-tifel ma jistax jghid li ma kinitx tiehu hsiebu. It-tisjir taghha kien limitat, darba wahda biss fil-ghaxija, kienet tqatta' hafna hin ghand ohtha, Josephine Cesare u kienet titraskura d-dar. Jammetti li fid-dar kien hemm il-bzonn li jsir certu xoghol ta' maintenance pero' jakkuza lil martu li flokk tfaddal il-flus ghat-tiswijiet fid-dar kienet 'tahli l-flus

fix-xorb'. Hu jghid li ma kinitx taf tqassam il-flus, kienet tixtri cikkulati u helu apparti ix-xorb. Hu kien jaghtiha Euro 86 fil-gimgha mill-ammont ta'Euro 102 fil-gimgha li kien jircevi hu, kien izomm biss il-bilanc ta' Euro 16 fil-gimgha li bihom kellu jhallas il-kontijiet kollha fosthom il-gas, d-dawl u l-ilma, kera tal-post, it-telephone, it-television, l-iskola tat-tifel ecc.  Hu jghid li ma setghax jifhem kif il-mara, f'dawn ic-cirkostanzi baqghet tilmenta.

Bdiet tohrog regolarment man-neputija taghha, Simone mizzewga Cassar, minghajr l-approvazzjoni tieghu billi fil-fehema tieghu din in-neputija kienet thobb tigri barra u taghmel affarjiet li ghalih ma kienux accettabbli. Deherlu li din kienet influenza hazina fuq martu u ried jipprotegi iz-zwieg tieghu. Hu jghid li z-zmien tah ragun ghax in-neputija spiccat isseparat, ghar-ragunijiet, fost affarjiet ohra ta' adulterju. Hu semma l-incident meta hdejn il-venda tal-Belt kien ikkonfronta lil din Simone li qaltlu li ma kinitx ser tibza minnu.

Hu jghid li l-mara ma kinitx herqana li jkollhom familja u li kienet tevitah. Tant hu hekk li biex izzomm distanza minnu bdiet torqod mal-art sajf u xitwa bl-iskuza li s-saqqu kien qed iweggalha darha, wara bdiet tghid li hu jista' jaghtiha xi marda, hu kien issugerixxa li jintuza 'condom' izda hi bezghet li  dan jista' jinqasam. Hu jghid li ammettiet mieghu li kienet torqod mal-art biex tevitah ghax ma riditx tinqabad tqila. Hi ghazlet li titlaq mid-dar bl-iskuza ta' vjolenza domestika, pero' ghalkemm iffrustrat jinsisti li 'qatt ma missejtha'.

Hu jghid li mhux veru li qed tghix mat-tifel fl-appartament fejn ihallas Euro 300 fix-xahar, izda qed tghix ghand ohtha Mary Spiteri, li tigi omm Simone Cassar, fl-indirizz 'Block B Flat 1, Triq Sir Leslie Rundle, Mtarfa, billi hi stess tat dan l-indirizz lid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali. Mhux minnu ghalhekk li hi qed tikri post flimkien mat-tifel izda qed tghix ghand ohtha b'xejn.

Il-konvenut jiddikjara li sallum ghadu ma jafx x'inhi r-raguni vera l-ghaliex il-mara trid is-separazzjoni. Hu pprova jirriconcilja izda hi insistiet li tkompli bis-separazzjoni. Hi trid id-dar, tant hu hekk li ddikjarat li kienet lesta li tirrinunzja ghall-manteniment basta li tiehu d-dar. Dan qed tipproponih ghaliex xorta wahda tibqa tircevi l-Assistenza Socjali mill-Gvern.

Hu jghid li hi rrnexxhielha timmanipola lit-tifel u tuza il-finanzi tieghu ghal skopijiet taghha.  Ghal-ewwel ma ipprettendewx flus minghand it-tifel billi kellu x'jhallas, pero' fl-ahhar t-tifel beda jikkontribwixxi Euro 40 fil-gimgha.

Kien iddispjecih meta sema' it-tifel x'qal fuqu lill-kugin tieghu Roderick Micallef, qallu " m'hemmx li nehilsu minnu mid-dar". Jghid li l-mara kienet qed tipprepara u tiddiskuti mat-tifel il-hsibijiet taghha dwar s-separazzjoni u influwenzatu u ghawwietu kontra missieru, il-konvenut.  Jghid li it-tifel baqa'

mfissed minn ommu, kien xott hafna mieghu, jibghatlu message ghall-birthday u jirrispondih semplicement ‘Thanks’, icempillu biex jkellmu u ma jirrispondix. Kienu ghamlu sagrificcji kbar biex rabbew u edukaw lit-tifel kif kien jixraq, in fatti bil-kwalifiki li ghandu mill-ewwel sab impieg tajjeb. Semma b’dispjacir l-incident li kellu mat-tifel, meta dan kien tefalu ktieb. Hu jghid li l-mara kienet ilha zmien li wriet l-hsieb li tkun libera, u kien propju ghalhekk li kienet tipprovoka l-incidenti biex tiggustifika l-ghan taghha. Mhux minnu li kienet qed tikkontribwixxi fil-kera tal-appartament tat-tifel billi rrizulta li kienet qed tghix ghand ohtha, Mary Spiteri, b’xejn.

Jghid li l-mara u t-tifel jghidu nofs veritajiet bl-iskop li jilhqu l-ghan taghhom li jakkwistaw id-dar matrimonjali u jigi zgumbrat hu mid-dar. Hu jichad li hebb ghat-tifel jew li kien aggressiv jew vjolenti mal-mara, jghid li ma jaqbilx ma’ dan it-tip ta’ komportament. Isemmi l-incident meta martu sarfet cheque tad-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali ghall-Euro 1,115 meta kienet taf li kienet gja thallset minnu.

Dwar l-Assi l-konvenut ddikjara li l-kamra tas-sodda matrimonjali, l-kamra tal-pranzu, il-kamra tas-sodda tat-tifel u xi settijiet li hu xtara fl-gherusija huma propjeta’ parafernali tieghu, mentri fiz-zwieg xtaw is-salott u il-karozza tal-marka Hyundai DAC 862.

Il-konvenut, meta xehed in kontro ezami fis-seduta tat-12 ta’ Mejju 2015, Fol 99, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, ikkonferma dak minnu ddikjarat fl-affidavit u insista li ghalkemm marad meta kien jahdem mal-kumpanija SVS Company Limited, u kellu jitlaq, xorta wahda baqa’ jfittex ix-xoghol u kien ilu registrat mal-ETC minn 1995 cioe’ minn meta kien waqaf mix-xoghol. Hu pprezenta ittra markata Dok RA 1 b’konferma li attenda employment programme offrut mir-Richmond Foundation bejn Settembru 2011 u JAr 2012. Jghid li applika ghall-xoghol ma’ Transport Malta izda ma intghazilx, applika mal-Enemalta u mal-Kunsilli, pero’ billi jista’ jaghmel biss *light duties* qatt ma sab impieg.

Meta xehed fis-seduta tal-1 ta’ Lulju 2015, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, kkonferma li mal-ETC hu registrat bhala disabled u qed jfittex xoghol ta’ Messanger Driver. Ikkonferma ukoll li ilu jbaghti minn depression minn 1990 meta miet missieru, u b’konsegwenza tal-mewt ta’ missieru. Ikkonferma li jiehu il-Valium 5, biex izzomm kalm, jiehu 3 kuljum, u li martu kienet tikkonsma kwantitajiet kbar ta’ inbid.

Fis-seduta tad-9 ta’ Lulju 2015, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, l-konvenut ipprezenta dokumemt, Fol 123, b’konferma li l-I-Pad nxtara mill-Amerika, u Dok TS Fol 124 tal-14 ta’ Ottubru 2009 b’konferma li mal-ETC hu registrat bhala

persuna *'with disability'*, u Dok TS 2 Fol 125 kopja ta' rapport tal-Pulizija tat-3 ta' Awwissu 2014, li meta mar d-dar sab li martu u ibnu kienu telqu mid-dar.

Hu cahad li ommu kellha karattru dominanti.

**Roderick Micallef**, neputi tal-konvenut u bin oht il-konvenut, xehed fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2015, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol 170 et seq.
Hu kkonferma li l-konvenut ma tantx jixrob, hlief xi flixkun birra kultant mentri martu, l-attrici, tixrob l-inbid regolarment u l-kugin Charlon, bin il-partijiet jhobb il-whisky. Ikkonferma li lill-attrici qatt ma raha fis-sakra.

**Carmela B**, omm il-konvenut, fl-affidavit taghha Fol 198 et seq, ikkonfermat li binha izzewweg 'l-attrici fid-29 ta' Settembru 1990, circa seba' xhur wara li kien miet missieru. Hi kkonfermat li l-attrici kienet toqghod fil-Housing Estate ta' San Gwann vicin it-tifla taghha, Maria Dolores mizzewga Micallef. L-attrici kienet tinzel kuljum ghand ohtha Guza Cesare, li kienet toqghod quddiemha. Hi kienet tinnotha fil-gallarija, tistennija biex tghidilha 'bongu'. Darba, kien fix-xahar ta' Frar, fil-kamra tas-sodda tat-tifel sabet kartolina hamra ta' San Valentino, pero' meta staqsiet lit-tifel dwarha kien qalilha 'taghtix kazha'.

Bdew johorgu flimkien u wara sena u ghaxar xhur izzewgu, pero' seba xhur qabel izzewgu miet ir-ragel taghha, f'idejn it-tifel C, u din ghalih kienet esperjenza qarsa u trawmatika, u sallum ghadu jbaghti il-konsegwenzi billi ghadu jiehu il-kalmanti. Meta kienu jghixu maghhom zewgha ma tantx kellu pjacir biha, pero' tikkonferma li qatt ma kellhom xi jghidu. Hi ddikjarat li l-attrici kienet ammettiet maghha li kellha l-vizzju tax-xorb u li meta kienet ghadha tghix mal-genituri taghha missierha kien jimmarka il-flixkun tax-xorb, anke binha ihobb jixrob. Meta kienu jghixu maghha innotat li l-attrici kienet tixrob mill-kaxxi tax-xorb li kien baqa' wara it-tieg, u li meta binha l-konvenut staqsiha qaltlu li kienet qed tixrobhom martu, u kien ghal din ir-raguni li l-konvenut kien biegh ix-xorb lil Saviour Cesare li kien mizzewweg lil oht l-attrici. Hi tghid li l-attrici baqghet bil-vizzju tax-xorb, kienet tixrob kwantita' konsiderevoli ta' inbid u f'okkazzjoni partikolari ltaqghet maghha il-Belt, man-neputija taghha, Simone Cassar u kellha flixkun tal-inbid tlett kwarti minnu vojt.

Fl-erba snin li damet tghix ghandha innotat li ma tantx kienet tiehu hsieb it-tindif tad-dar, u anke meta marru jghixu f'Pembroke ma kienx jsir tindif partikolarment tal-cooker u tal-fridge. Lanqas il-hwejjeg ma kienet tahsel, in fatti meta telqet mid-dar konjugali lit-tifel bdiet tahsillu hwejgu hi u induna bid-differenza. Tghid li l-attrici ma kinitx tridha tmur ghandha f'Pembroke u dan kien ghar-raguni li kellha nuqqas ta' ndafa. Binha kien qalilha li martu ghamlet hames snin torqod fl-art biex ma jkollhiex x'taqsam mieghu.

Fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha, l-attrici, Fol 213 tiddikjara illi ma hiex qed titlob manteniment minghand zewgha. Tghid hekk fir-rigward:

"L-esponenti mhix tfittex alimenti minghand il-konvenut ghax hi ben konsapevoli illi l-konvenut m'hu qatt ser jissomministra alimenti imma trid tghix hajjietha fil-kwiet u terga' tidhol fid-dar matrimonjali illi kellha titlaq sabiex tevita xi incident u tipprova tibni hajjitha mill-gdid".

Fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu il-konvenut,Fol 216, issottometta illi sallum ir-ragunijiet vera tas-separazzjoni ghadhom hergin u jallega li l-attrici trid tehles minnu ghax ghandha relazzjoni ma' ragel iehor. Dwar id-dar matrimonjali jissottometti illi dan hu fond mikri minghand il-Gvern, li originarjament kien registrat f'isem ommu li ikkonceditilhom li jmorru fih huma u hi marret il-Belt f'post li huma hassew li kien zghir ghalihom. Jissottometti li l-attrici kellha interess fih ghax kienet tghix f'hajja ta' mizerja, u riedet timmeljora il-kondizzjoni taghha. Ma gabet xejn maghha anke il-hwejjeg kien jixtrilha. Jakkuza lill-attrici li kienet ghazziena, ma kinitx issajjar sew, ma ipprovatx isib xoghol meta dan kien mehtieg, lanqas hwejjgu ma kienet tahsillu, u kellha il-vizzju tax-xorb.

L-attrici, fin-nota mahlufa taghha tal-1 ta' Gunju 2016 Fol 219, tichad bl-aktar mod kategoriku l-allegazzjoni tal-konvenut u tiddikjara li ma ghandha l-ebda relazzjoni extra maritali.

GURISPRUDENZA

Fil-kawza fl-ismijiet " **Caterina B vs Benedict B**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju 1967 ntqal li L-Ligi tqieghed bhala motivi illi jiggustifikaw l-azzjoni ta' separazzjoni personali, l-episodji saljenti tal-hajja konjugali, u mhux incidenti minuri. Fil-kas presenti, irrizulta li l-incidenti ta' vjolenza u aggressjoni kienu spissa, tant li rrendew il-konvivenza impossibbli.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Eliza Thompson vs Edward Thompson**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Mejju 1925, gie stabbilit li sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni ta' separazzjoni personali m'hemmx htiega li jigu ppruvati l-eccessi , sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv' izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabilit li l-hajja matrimonjali tkun giet reza impossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

Fil-kawza fl-ismijiet " **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ginju 1961 ntqal li skont il-gurisprudenza lokali,
" eccessi jfissru atti mwettqa fuq il-parti l-ohra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira …………Il-minacci jistghu jkunu verbali jew reali u materjali"

Fil-kawza fl-ismijiet " **Carmela Falzon vs Paolo Falzon**" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' April 1959 gie ritenut li:

"B'ligi, l-applikazzjoni ta' dawk id-dekadenzi tal-konjugi mid-drittijiet taghhom kontra xulxin bhala effett tal-pronuncja ta' separazzjoni bejniethom,"in toto" jew in parti, hi fakoltattiva ghall-Qorti, jekk id-domanda ghas-separazzjoni tkun radikata fuq il-mottiv ta' eccessi, sevizji, minacci u ingurji gravi. U allura jiddependi mid-deskrizzjoni taghha jekk tapplikax jew le dawk id-dekadenzi fil-kaz partikolari."

Fil-kawza fl-ismijiet "**Rosina Micallef vs Angelo Miccallef**" deiza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-27 ta' Gunju 1964 ntqal li :

"L-adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indagini u presunzjonijiet, purche' dawn jkunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallux ebda dubbju f'min ghandu jiggudika".

Dwar l-obbligu tal-manteniment fil-kawza fl-ismijiet "**Jane Camilleri pro et noe vs Carmelo Camilleri**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Novembry 1990 ntqal li:
" Il-manteniment ghandu jinghata skont il-qliegh tar-ragel, u l-utili tieghu, pero' dan ma jistax jigi interpretat b'mod li r-ragel jista' meta jrid jirrezenja mix-xoghol bla raguni gustifikata u jhalli lill-familja bla ma jipprovdi ghaliha."

Fil-kawza fl-ismijiet " **Emanuela Bartolo vs Francis Bartolo**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' April 1965 ntqal hekk:

" Separazzjoni personali hi gustifikata jekk ir-ragel ma jmantnix lil martu u uliedu. Jekk ir-ragel ma jahdimx huwa ma jehlisx minn dan l-obbligu jekk ma jkollux xi impediment serju jew marda gravi li jinabilitawh mix-xoghol".

KONSIDERAZZJONIJIET.

L-attrici qed tipprocedi b'kawza ta' separazzjoni personali kontra il-konvenut zewgha u qed tallega swat, theddid, sevizzji, eccessi, minacci, ingurji gravi da parti tal-konvenut fil-konfront taghha, kif ukoll minhabba inkompatibilita' ta' karattru.

Il-konvenut jikkontesta dawn l-allegazzjonijiet, jiddikjara li l-attrici pprocediet ghall-skopijiet ulterjuri taghha, li ghandha il-vizzju tax-xorb, trid il-liberta' assoluta u fit-3 ta' Awwissu 2014 abbandonat id-dar matrimonjali. Hu pproceda b'kontro-talba, fejn qed jallega li z-zwieg bejn il-partijiet sar impossibbli

unikament htija tal-istess attrici, tortijiet li jinkludu l-adulterju, minacci, mohqrija ngurji gravi, eccessi, theddied u swat kif ukoll abbandun tad-dar matrimonjali.

Mill-provi rrizulta illi l-partijiet zzewgu fid-29 ta' Settembru 1990, u kellhom tifel, Charlon, illum maggorenni li twieled fit-8 ta' Awwissu 1991. Fl-ewwel erba' snin taz-zwieg taghhom, kienu jghixu ghand omm il-konvenut, go flat tal-Gvern f'San Gwann, Fol 82, u skont l-istess konvenut " l-ewwel snin taz-zwieg kienu normali". Wara marru jghixu f'Pembroke. Skont Carmela B, omm il-konvenut, Fol 204, id-dar fejn marru joqghodu f'Pembroke kienet fuq isimha. Hi tghid li biex tikkuntenta lill-partijiet kellha tibdel ma' oht C, il-flat ta' San Gwann u peress li lil C u A kienu tawhom post b'zewgt ikmamar u kcina l-Belt, li deherilhom li kien zghir minhabba li kellhom it-tifel, ceditilhom il-post ta' Pembroke u marret hi il-Belt.

L-akbar problema li kellhom il-partijiet kienet certament dik finanzjarja. Wara li zzewgu l-attrici tghid, Fol 13, li sabitlu impieg ma' fabbrika tas-sapun, fejn dam jahdem bejn erba' u hames snin. Ir-ragel, pero'ghar-ragunijet medici telaq minn dan l-impieg billi beda jilmenta minn allergija. Filwaqt li tabib qallu li kellu l-Asthma, t-tabib tal-familja qallu li kellu 'hay fever'. L-attrici tghid " Minn dakinhar l-hawn, ir-ragel qatt ma kellu impieg iehor u l-anqas iffittex ghax-xoghol". Il-konvenut ma jikkontestax il-fatt li baqa' qatt ma sab impieg, izda jichad il-fatt li ma ippruvax issb xoghol. Hu jghid li minnhabba l-mard mal-ETC kien registrat li jista' jahdem biss 'light duties' bhala 'messanger driver' u qatt ma offrewlu dan it-tip ta' impieg.

Dan iffisser li mis-sena 1995 (izzewgu fin-1990 u ghamel massimu ta' hames snin jahdem fil-fabbrika tas-sapun) l-konvenut qatt ma kellu impieg, u kien jghix fuq l-Assisteza Socjali li jipprovdi id-Dipartiment. Din kienet tammonta ghal Euro 102 fil-gimgha, li minnhom kien jaghti Euro 86 lill-mara, ghall-hajja, u hu kien izzomm Euro 16 biex ihallas il-kontijiet, Fol 86. L-attrici tghid, Fol 45 li kien jaghtiha Euro 85 fil-gimgha ghall-ikel li ma kienux isservuha.

Hu jakkuza lill-mara, Fol 85 li ma kinitx lesta li tmur tahdem 'ghax fir-realta' il-mara hi ghazziena'. Dan hu kkontesta mill-attrici li (Fol 38) ddikjarat:

"Meta jien ghidtlu biex nibda nohrog jien, hu beda jghidli biex noqghod id-dar u ma nohrogx nahdem. Mhux veru li jien qatt ma ridt nahdem xejn. Sibt anki nofs ta' nhari 'l hemm u 'l hawn u kien jheddidni ukoll". " Meta lir-ragel waqqfulu r-relief, jien mort ghand mara nahdem mid-9am sas-2pm u ghamilt maghha circa sena mmur u bihom kilna". L-attrici tghid, Fol 44 "Niccara illi meta konna mizzewgin u ridt insib nahdem hu ma riednix ghax hu kien jibza' illi lilu jwaqfulhu r-relief. Jien mort nfittex ix-xoghol meta kellna ic-cheque mizmum u

ma kellniex biex nieklu". L-attrici ddikjarat, Fol 45, li tircevi Euro 280 kull erba gimghat.

L-konvenut jghid li ilu registrat mal ETC, bhala disabled mis-sena 1995, cioe' meta waqaf mix-xoghol. Pero' c-certifikat ta' registrazzjoni minnu esebit, Fol 124 igib id-data 14-10-2009. Skont l-attrici, Fol 13, " Kull meta jibghatu ghalih tal-ETC, jibki u jdum ma jibghat is-c.v. halli jilhqu jaghazlu lil xi hadd iehor". Skont l-attrici, Fol 14, " Ir-ragel iqatta l-gurnata jilghab mat-tlett mobiles li ghandu, mat-tablet u jara t-television".

Bejn iz-zewg versjonijiet kontrastanti, dik tal-attrici, li l-konvenut qatt ma ried jahdem u dik tal-konvenut, li ried jahdem izda qatt ma offrewlu xoghol li seta' jahdem, tidher ferm aktar attendibbli dik tal-attrici. Mhux verosimili li f'dawn is-snin kollha, aktar minn ghoxrin sena, l-konvenut ma rrnexxielux isib xi forma ta'impieg. Kieku verament xtaq li jahdem kien certament isib impieg. Il-konvenut ma jbghati minn ebda mankament fiziku u serju li jipprekludih milli jahdem; l-allergiji, l-ashma, l-hay fever u l-morliti, li l-konvenut jghid li jbghati minnhom (ma gie prodott l-ebda certifikat mediku b'konferma ta' dawn il-kondizzjonijiet) anke jekk jesistu, li ma giex ippruvat, ma humiex ta' ostakolu biex jaghmel xi xoghol produttiv. Illum il-gurnata isibu impieg persuni ghomja, jew li jbghatu minn xi mankament fiziku gravi. Il-konvenut seta' jsib xoghol produttiv kieku ried izda hu ghazel li ma jahdimx u jghix fuq l-Assistenza Socjali. Irrizulta in oltre mill-provi li hu ghandu certa padronanza mal-mezzi moderni ta' komunikazzjoni bhal mobile phones, ipad u computer, dan il-fattur seta certament jincidi b'mod favorevoli biex jssib dan it-tip ta' xoghol li fil-present hu tant rikjest. Dan jikkostitwixxi konferma ulterjuri li l-konvenut ma thabatx bizzejjed biex isib impieg. Aghar minn hekk lanqas ippermetta lill-martu li tahdem ghax beza' li jitlef ir-relief li kien qed jircevi.

Naturalment meta l-mezzi finanzjarji jkunu limitatissimi, hu ferm difficili li wiehed ilahhaq mal-ispejjes tal-hajja. Irrizulta li l-flus ma kienux sufficjenti ghall-ikel u sal-ahhar tax-xahar kien ikollhom jiddejjnu biex jieklu. Ma kellhomx flus biex izzommu d-dar fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, ma kellhomx vit jahdem, ma kellhomx madum fil-kcina, ghattew l-art b'incirata li biz-zmien iccartet, l-attrici kienet kostretta iggorr bramel tal-ilma minn banda ghall-ohra tad-dar, kienet kostretta tahsel il-hwejjeg b'idejha ghal snin twal ghax il-washing machine kellha il-hsara u baqghet qatt ma ssewwiet.

Dawn il-kondizzjonijiet dekadenti m'humiex konducjenti ghall-konvivenza konjugali felici. Minhabba konsiderazzjonijiet ekonomici, skont l-attrici, Fol 13 iddecidew li ma jkollhomx aktar tfal, l-attrici bdiet tiehu il-pill, pero' meta lanqas baqa' ihallsilha 'is-smear test' wafqet, u naturalment, biex ma tinqabatx tqila rrifjutat li jkollha rapporti sesswali mar-ragel billi ghaliha iz-zwieg mhux biss

gratifikazzjoni fizika.  Ir-ragel, mill-banda l-ohra, Fol 88, ma jsemmiex dak li qalet l-attrici, izda jillimita ruhhu biex jghid li kienet qed tevitah, izzomm id-distanza minnu, torqod mal-art sajf u xitwa, kellu frustrazzjoni kbira u ddikjara li “ insejt xi tfisser li jkolli x’naqsam mal-mara”.

L-konvenut jallega li l-attrici ghandha il-vizzju tax-xorb, Fol 83, ommu Carmela B, Fol 199 ukoll tallega li l-attrici kellha il-vizzju tax-xorb, Fol 200 tiddikjara “kienet tbattal flixkun qisa qed tixrob l-ilma!” Dan hu kkontestat mill-attrici, li in kontro ezami, Fol 37, tiddikjara “Jien nixrob naqra inbid mal-ikel. Jien ma niskirx. Mistoqsija jekk matul il-gurnata jien nixrobx ukoll, jien inwiegeb illi le. Jien problema ta’ xorb m’ghandix. Jien ma niskirx.”

Roderick Micallef, in-neputi tal-konvenut, Fol 176, fil-waqt li ddikjara li l-attrici thobb l-inbid ikkonferma ghal darbtejn li qatt ma raha fis-sakra.  Charlon B, bin il-partijiet, in kontroezami, Fol 60 jghid hekk: “Jiena lill-ommi qatt ma rajtha fis-sakkra f-ghomri. Il-mamma tieghi, meta tixrob tixrob normali.  Qatt ma tisker. Id-dar rari kien ikun hemm inbid.”  L-istess attrici ddikjarat, Fol 30: “ Jiena niehu naqra inbid filghaxija ma’ l-ikel u forsi xi naqra quddiem it-television filghaxija.” Pero’ dwar il-konvenut ddikjarat li johrog mid-dar xi 9pm u jirritorna xi t-3 jew l-4am u joqghod jiftahar kemm xorob Pernot. Hi kkonfermat, Fol 31, li biex tevitah kienet toqghod fil-kamra mat-tifel billi jekk jara lilha jew lit-tifel meta jigi lura kien jinfexx fihom.

Ex admissis, l-konvenut ibghati minn depression, u ilu hekk minn meta miet missieru, ftit xhur qabel izzewweg, ghadu fuq il-Valium sallum; hu bniedem iffrustrat, billi r-relazzjonijiet intimi ma’ martu ilhom li wafqu ghal snin shah, u hu ferm verosimili li meta jkun xurban jkun hemm incidenti ta’ vjolenza fid-dar.

Ma rrizultax li kien hemm xi incidenti fejn l-attrici kienet aggressiva jew vjolenti fil-konfront tal-konvenut. L-attrici, pero’ tilmenta mill-vjolenza u t-theddied tal-konvenut.  Meta darba rrifjutat li jkollha x’taqsam mieghu, Fol 13, heddidha li “illi kien ser jifqaghli wicci u jkissirli snini b’tali mod u maniera illi lanqas tal-familja ma jgharfuni”.  Kien jsegwiha kull fejn tmur u wara li bdew il-proceduri ta’ separazzjoni kien dejjem jikkritikha, jghajjarha u jheddidha. Sikwit kienu jispiccaw l-Ghassa tal-Pulizija.  Dan hu kkonfermat minn Charlon B, bin il-partijiet, li Fol 21, ikkonferma li “It-tilwim skala hafna b’hafna theddied u smajt lill-missieri jghajjar lill-ommi b’hafna kliem bhal inhassarlek wiccek, jew inkisserlek is-snin meta tohrog”.

Ghalkemm fil-kontro-talba minnu proposta l-konvenut jallega relazzjoni adultera tal-attrici filwaqt li fin-nota tal-osservazzjonijiet responsiva tieghu, Fol 223. issottometta li martu ghandha relazzjoni adultera ma’ ragel iehor li tiltaqa’ mieghu Wied il-Ghajn, hdejn is-Summer Nights Pub, timxi mieghu max-Xatt u ta’ spiss

tiehu il-karozza bin-numru 91 li tmur Wied il-Ghajn; tul il-kors tal-kawza assolutament l-ebda prova dwar din l-allegazzjoni ma ressaq il-konvenut rikonvenzjonant. Dan in-nuqqas ta' provi fir-rigward abbinat mac-cahda kategorika da parti tal-attrici iwassal lill-Qorti tikkonkludi illi l-konvenut naqas milli jipprova dak li huwa allega. Hija gurisprudenza kostanti illi minn jimputa fuq il-konjugi l-adulterju u jonqos milli jipprova sodisfacentement tali allegazzjoni huwa hati ta' ingurja gravi.

Iz-zewg partijiet qed jitolbu li tigi dikjarata xjolta u likwidata l-komunjoni tal-akkwisti gja' ezistenti bejniethom, pero' l-provi dwar il-konsistenza ta' dawn l-assi hi prattikament inezistenti. L-attrici ma ssemmi xejn u l-konvenut jillimita ruhu biex jghid, Fol 95, li l-mara ma gabet xejn maghha, li l-mobbli huma proprjeta' parafernali tieghu, il-kamra tas-sodda, il-kamra tal-pranzu, il-kamra tas-sodda tat-tifel u xi settijiet li xtara waqt l-gherusija. Waqt iz-zwieg, iddikjara li nxtara is-salott u l-karozza Hyundai DAC 862. In vista tal-fatt li l-attrici naqset milli b'xi mod tressaq provi fir-rigward. Il-Qorti ghalhekk qed taccetta ix-xhieda tal-konvenut dwar l-assi tal-komunujoni. Ghalhekk qed tiddeciedi li l-ghamara konsistenti fil-kamra tas-sodda, il-kamra tal-pranzu, il-kamra tas-sodda tat-tifel jigu konsenjati lill-konvenut. Is-salott u l-karozza Hyundai DAC 862 ghandhom jinbieghu u r-rikavat jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza u l-kontro-talba billi prevja li tichad it-talbiet rikonvenzjonali,

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici, u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u dan ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut;

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni, t-tielet u r-raba' talba attrici in kwantu fil-mori tal-kawza l-attrici irrinunzjat ghat-talba ghall-manteniment.

3. Tilqa' l-hames talba attrici, u tapplika in toto kontra il-konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Tilqa' s-sitt talba attrici u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet. Tordna li l-ghamara konsistenti fil-kamra tas-sodda matrimonjali, l-kamra tal-pranzu, il-kamra tas-sodda tat-tifel jigu assenjati lill-konvenut filwaqt li s-salott u il-karozza tal-marka Hyundai DAC 862 jigu mibjugha bis-subbasta u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

5. Tilqa’ s-seba’ talba attrici, tassenja esklussivament lill-attrici t-titolu ta’ kera fuq il-fond matrimonjali Blokk 2, House 4, Trejqet Antoine de Favray, Pembroke u ghalhekk tordna lill-konvenut sabiex jizgombra mill-imsemmi fond fi zmien xahar millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**